# L-ABBATI TAL-PALAZZ TAS-SINJURA BETTINA

Kif wieħed jinżel mil-lanċa, ix-xatt ta' San Lawrenz, il-Birgu, jilmaħ Palazz ta' kobor ġmielu, kiegħed sew sew fil-faċċata, malli jitla' l-erba' tarġiet li jagħtu għal Strada Irlandese mal-minkeb li jagħti għal Strada S. Giorgio. Dan il-Palazz fil-medda tiegħu jibla' nofs it-trieq imsemmija, huwa hekk kbir, li biż-żejjed wieħed igħarraf li għal xi żmien, qabel ma twaqqaf l-Isptar tal-Kottonera, kien ġiè magħżul biex fih jiġu mfejqa s-suldati ingliżi, li xi sittin sena ilu kienu jgħammru fil-Kwartieri fin-naħiet ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu. Dan il-Palazz għajr li kien għamara tas-Sinjura Bettina Cassia Dorell, kif juri ismu, li kienet Dama tar-Reġina ta' Sqallija, kien ukoll l-imkien fejn twieled fis-sena 1758, in-Nobbli Fabrizju Xiberras, Isqof ta' Sinegallia u Kardinal waħdieni Malti tal-Knisja Mqaddsa.

Fuq dana il-Palazz, hemm xniegħa, li għadha tiġri sa żmenijietna, li qabel is-Sinjura Bettina kienu jgħammru fih qrabat il-Baruni Giulju Gauci. Dan bħala werriet ta' ġidu ma kellux għajr tifel wieħed biss, li kien Abbati, u għalhekk it-tama li wara l-mewt tal-Baruni l-qraba tiegħu jirtuh, sfiet fix-xejn.

Iżda dawn il-qraba kienu juru qima bla tmiem lejn il-Baruni u sikwit kienu jitolbuh b'ħeġġa, li jibgħat il-Barunċin igħaddi xi jumejn jew xi ġimgħa magħhom. Uf, imsejken tfajjel tħallih f'dak id-dieq ta' qalb midfun ħaj l-Imdina, ħallih jiġi l-Birgu xi darba; ukoll, sa kemm jiġi l-arja safja u bikrija tal-kampanja żżidlu mitt sena għomor.

Fl-aħħar il-missier, għall-istedin hekk ta' ħeġġa u ta' qalb, qagħad għax-xewqa ta' qrabatu, u bagħat il-werriet tiegħu il-Birgu. Ma jaħasra! ma basar qatt x'kien hemm miżrugħ għall-maħbub Ibnu l-waħdieni.

Dak iż-żmien ma kienx hemm la Kalessi, u l-anqas toroq wietja, u wiesgħa; għalhekk min irid jitlaq għal-bogħod kien jagħżel xi bagħal jew xi ħmar malti ġerrej, u riekeb fuq il-berda, erħilu jlebbet għan-naħa ta' fejn bi ħsiebu jmur. Hekk xejn inqas għamel l-Abbati. Wasal fil misraħ ta' tal-Birgu f'xi l-għaxra ta' filgħodu, rabat il-bhima mal-ħerża ta' wieħed mill-bjar li kienu mdawrin mal-wesgħa tal-Pjazza, jew, suq, kif dak iż-żmien kienu jsejħulu; ħall minn fuqil-berda, xi soror, b'ħafna ħwejjeġ li ġieb miegħu u erħielha għall-Palazz. Niżel Strada

Salita della Piazza, minn hemm għax-xellugija ta' Strada San Lorenzo, daħal il-Parroċċa, qal xi talba qasira u minn hemm erba' passi oħra sab ruħu qiegħed iċempel il-qampiena tal-bieb ewlieni tal-Palazz. Ma hemmx għal fejn wieħed igħid kif ġie milqugħ minn zijietu dan l-imbierek ta' Abbati : kienu tant jixtiquh ? Tmasħnu tant mal-missier biex jibagħtu għandhom ? jista' wieħed jaħseb li ma laqgħux kif kien jistħoqqlu ? U il-missier ħieni u b'demmu biered, jaf sgur li Ibnu qiegħed imkenni mill-aħjar li jista' ikun.

Għadda l-jum, u l-bhima għadha marbuta mal-bir tal-misraħ. Ta' min hi ? Ħadd ma jaf ! X'sarm innha, mhux ta' ħtieġa għal din il-ġrajja . . . .

Għadda jum, jumejn, waslet it-tmiem tal-gimgħa u l-bidu ta' gimgħa oħra Kemm ser idum għand zijietu, Ibni ? mar igħid il-Baruni ; bagħat il-qaddejja tiegħu għal biex igħidilhom li hu, il-Baruni, jinsab imħasseb wisq għax l-Abbati ma reġax lura għall-Imdina. . . . Din l-aħbar għaġġbet bla tarf iż-żijiet, li wiegħbu lill-qaddejja, li ilhom żmien ma jaraw lis-sur Abbati, u li jistgħaġbu kif is-sur Baruni qatt ma ħallieh igħaddi jumejn magħhom, huma li jħobbuh daqs ruħhom ! ! ? Min rah ? Meta ġiè ? Le le ! ! !

Għal bxara hekk qalilha, tistgħu taħsbu kif il-Baruni tbellah, tnikket, nixef, tbekka, għela, tħasseb : Għamel stħarriġa, u sab li l-bhima ta' ibnu kienet insabet marbuta mal-ħerża tal-bir fil-misraħ, ħdejn ix-xbieha tal-Vittoria, iżda ħadd ma setta' jobsor kif din insabet hemm weħidha.

Għamluhieli, qal b'leħen maħnuq, qerduh ! iżda ma jarawx patakka mill-wirt tiegħi. U tassew ; il-għaliex fit-testment li għamel, ħalla werrieta l-Knisja ta' San Lawrenz bil-ħsieb li b'hekk jinki il-werrieta u għal biex jibqgħu jiftakru fil-ħtija faħxija minnhom magħmula.

Issa l-għajdut illi ġiè mxerred mal belt hu dan. Malli giè taħt idejhom l-Abbati dawk il-qraba, marru igħidu, bħalma darb'oħra qalu dawk il-kefrin, li minnhom tħaddet Kristu Sidna: "Dan hu l-werriet, noqtluh, biex il-wirt jiġi mogħti lilna" (Luc: XX). u ngħad li qabduh, xeħtuh ġol-forn u ħarquh ħaj.

Jekk hi ta' min jemminha x-xniegħa, Alla ma ħalliex li dan id-delitt jibqa' moħbi, il-għalix minn dak in-nhar l-hawn dan l-Abbati baqa' kull għadd żmien jidher ħiereġ mill-forn. Bosta

kienu dawk li rawh u twerwru, u għal xi żmien dal-palazz baqa' battal, għax kienu jgħidu kien fih il-fatati.

Jien, għar-raġuni li qatt ma rajt ħarsijiet, qatt ma tajt widen għal dawn il-ħrejjef, u miegħi hemm bosta li jaqblu. Iżda meta nies oħra, ta' min jemminhom, li għandhom moħħom ffoku, nies ukoll ta' dehen, mhux għal kemm wieħed igħaddi ċerti ġrajja biċ-ċajt ! ! Kieku li wieħed ikun *preġudikat* jiġifieri li jkun diġa mbeżża' minn qabel; ħaġa biżżejjed ħafifa li jara jew jisma' għax il-moħħ tiegħu jkun ġa mniġġes minn qabel; iżda meta wieħed qatt ma sema' anqas tħasseb, qatt ma mela rasu bi ġrajjiet ta' din il-għamla, imbagħad jara tassew, allura dawn id-dehriet mhux ta' min jiċħadhom hekk ħesrem.

Nies barranin li ġew joqogħdu l-Birgu għal l-ewwel darba u krew fin-naħiet fejn hemm il-forn, l-ewwel darba jisimgħu jagħmlu x-xenati, għaliex lemħu ħiereġ abbati mill-forn. Hsejjes li ma jistgħux ifissruhom li ġagħlu nies jitilqu l'barra f'nofs ta' lieli ġara wkoll. Jingħad ukoll illi fiż-żmien lil dan il-palazz kien mikri bħala Sptar, il-għassa ta' bil-lejl Suldat aktarx skoċċiż (fejn jaf dan bil-grajja ta' l-Abbati ?) lemaħ lil-dan l-Abbati liebes is-suttana u l-ispel-lizza ħiereġ mit-toqba tal-forn, u tant beża' li waqa' waranijiet u dam ma stejqen għal bosta sigħat. Bħal dawn il-ġrajja jingħataw bosta u bosta. Fl-aħħar dan il-Palazz ġie mill-familja nobbli ta' Xiberras mogħti ċens għal 99 sena lil Lorenzu Vella li dan qassmu u ferqu f'bosta mezzanini u kmamar u biddlu f'kerrejja. Mindu saret din it-tibdila u l-forn inqered, id-dehra ta' l-Abbati ma għadhiex tissemma, u l-ħrafa għodda għebet għal kollox. F'dan kollu li s'issa għedna, hemm xi għerq, xi bidu li wieħed għandu jorbot fuqu ? Hemm xi sisien tas-sewwa ? Meta wieħed jaqra l-iħbar ta' pajjiżi oħra, ma' ġrajja bħal dawn jiltaqa' ta' sikwiet. Fost il-għorrief hemm min igħidlek: il-għaliex dawn id-dehriet lil Tizju u l-Fulanu biss u ma jidhrux lil kulħadd ? Jien hekk naħsibha wkoll. Iżda hemm għorrief li jemmnuhom u nies li rawhom, u li tisħoqqilhom l-iktar qima għax qatt ma qalu gidba għal bżonn f'għomorhom. Fdin il-ġlieda u taqbila ta' fehmiet, kif iġib ruħu t-twajjeb qarrej ta' din il-ġrajja, jew ħrafa ? Jagħmel dak li jrid u jogħġbu u jħaddan il-qawl latin li jgħid: *In dubiis, libertas !*

KAN. G. M. FARRUGIA